FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 12 TA' SETTEMBRU, 1996

Avv Nru.114/96

Richard Matrenza f'ismu proprju u

ghall Cimira

vs

Carmel Degiorgio

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tlieta u ghoxrin Lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm23.86), rapprezentanti spejjez ghall-pariri professjonali, u laqghat fl-ufficju, rapprezentazzjoni ma' terzi persuni u spejjez ta' ufficju bejn it-3 ta' Marzu, 1995 sat-23 ta' Marzu, 1995.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Richard Matrenza li spjega li l-prestazzjonijiet tieghu lil-konvenut kienu jikkonsistu f'pariri, u kien hemm laqghat, u korrispondenza mad-Dipartiment tax-Xoghol, fil-perijodu imsemmi fl-avviz. Inoltre kien hemm ukoll telefonati in konnessjoni mal-istess. Spjega li kien hemm tlett laqghat mal-konvenut, kien hemm kuntatti mad-Dipartiment, kienet intbghatet ittra registrata fil-21 ta' Marzu, 1995, u kienu saru zewg inkontri mas-Segretarju tat-Tribunal Industrijali.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-attur proprio et nomine u jikkundanna lil konvenut jhallas lill-attur proprio et nomine l-ammont ta' Tlieta u ghoxrin Lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm23.86).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.